**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Ġuramentat Numru 748/2022DC**

***Dr Sharon Zammit***

***vs***

***L-Onorevoli Prim Ministru et***

Illum, it-18 ta' Settembru, 2023

**Il-Qorti**

*Dan huwa degriet permezz ta' liema qed jiġi deċiż rikors tal-konvenuta il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku (aktar 'l isfel imsejħa l-Kummissjoni) preżentat fit-13 ta' Marzu 2023*[1].

Illi kif jirriżulta mir-rikors ġuramentat tagħha, l-azzjoni tentata mill-attrici hija waħda ai termini ta'l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta *għal reviżjoni ta' proċess amministrattiv* li kien jirrigwarda il-ħatra ta' Consultant Orthopedic Trauma Surgeon b'interess speċjali f'l-lower limb reconstruction. Mill-istess rikors ġuramentat jidher li fil-proċess ta'l-għażla l-attriċi klassifikat it-tielet fil-waqt li l-kjamat in kawza Julian Zammit Maempel ikklassifika l-ewwel; it-tieni klassifikat kien Dorian Xuereb.

Illi f'l-14 ta' Frar 2023, fuq talba ta'l-attriċi, inħareġ mandat ta' taħrik ta' xhieda fil-konfront ta' rappreżentant tal-Kummissjoni[2] permezz ta' liema intalab jippreżenta *il-file (proċess) sħiħ, inkluż korrispondenza u dokumentazzjoni, marbuta mal-petizzjoni u d-deċizjoni tal-PSC dwar s-sejħa għall-post of consultant orthopaedic trauma surgeon with special interest in lower limb reconstruction in the department of orthopaedic*

[1] A fol 139.1.
[2] A fol 158.

*surgery, trauma and sports medicine at Mater Dei Hospital in the Ministry for Health* inkluż:

- *L-applikazzjoni ta' Julian Frederick Zammit sottomessa ghal din s-sejħa; kopja ta kull dokument anness mal-istess applikazzjoni; kopja tal-break down tar-rizultati ta' Julian Frederick Zammit; u kopja tal-log book tiegħu;*
- *Il-korrispondenza u dokumentazzjoni tal-Awtorita' Kontraenti u/jew rappreżentanti tagħha marbuta mal-process mal-PSC, inkluż in-noti tas-Selection Board dwar kull kandidat, u l-workings, r-rapport tal-Bord u kwalunkwe sottomissjoni li ressqet hi jew s-Selection Board quddiem il-PSC rigward il-petizzjoni.*

Illi permezz tar-rikors odjern, u b'referenza għad-degriet mgħoti f'l-14 ta' Frar 2023, ossia it-taħrika ta' xhieda, il-Kummissjoni talbet lil Qorti:

1. *tirrevoka contrario imperio dik il-parti tad-digriet fejn 1-esponenti qiegħda tiġi ordnata sabiex tesebixxi kopja tal-file sħiħ u minflok tordna illi dan jiġi esebit mingħajr minuti u pariri legali:*
2. *tirrevoka contrario imperio dik il-parti tad-digriet fejn l-esponenti qiegħda tiġi ordnata tesebixxi data ta' terzi u/jew tagħti l-provvedimenti necessarji f'dan ir-rigward;*
3. *tirrevoka contrario imperio dik il-parti tad-digriet fejn l-esponenti qiegħda tiġi ordnata sabiex tesebixxi l-applikazzjoni ta' Julian Frederick Zammit Maempel, inkluż kull dokumentazzjoni annessa magħha, u kopja tal-log-book tiegħu, sabiex dawn jiġu esebiti mill-intimat Ministeru għas-Saħħa, jekk ikun il-każ.*

Illi l-Kummissjoni tissottometti li l-file li ġiet mitluba tesebixxi jinkludi minuti u pariri legali li huma privileġġjati skond l-artikolu 637(3)(4) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Tgħid ukoll li fil-file hemm data li tirrigwarda lil terzi,  senjatament iż-żewġ applikanti l-oħra, liema informazzjoni tista' tiġi preżentata biss bil-kunsens tagħhom. Il-Kummissjoni esprimiet il-fehma li hija għandha tippreżenta biss informazzjoni relativa għall-attriċi. Aktar minn hekk il-Kummissjoni tgħid li l-applikazzjonijiet u l-logbooks ikunu gew sottomessi lill-Ministeru u hija (il-Kummissjoni) ikollha biss access fuq sistema elettronika għalhekk jista jkun li dawn id-dokumenti ikollhom jiġu preżentati mill-Ministeru

Illi fir-risposta tiegħu[3] l-kjamat in kawża Julian Zammit Maempel jaderixxi ruħhu mar-rikors tal-Kummissjoni. Huwa kjarifika li hu ukoll ġie inġunt biex jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu u l-logbook u għalkemm m'għamilx

[3] Preżentata fit-2 ta' Mejju 2023 a fol 181.

talba simili għal dik tal-Kummissjoni, kien ser jitlob id-direzzjoni tal-Qorti dwar l-ammissibilita ta' dawn id-dokumenti, partikolarment il-logbook stante li dan jikkontjeni ukoll informazzjoni fuq il-pazjenti. Jgħid ukoll li skond ir-regoli tas-sejħa l-informazzjoni dwar il-punti ma tistax tiġi żvelata.

Illi kemm il-Kummissjoni kif ukoll il-kjamat in kawża jinsistu li fid-dokumenti rikjesti hemm informazzjoni li mhiex relevanti għall-kaz in eżami u li din m'għandhiex tiġi ammessa in atti; jgħidu li l-esebizzjoni tad-dokumenti rikjesti mill-attriċi hija sempliċiment "*fishing expedition*" da parti tagħha.

Illi l-attriċi opponiet it-talba tal-Kummissjoni[4] għaliex fil-fehma tagħha l-istħarriġ ta' deċiżjonijiet tal-Bord ta'l-Għażla u tal-Kummissjoni jirrikjedi li dak kollu li ġie ikkunsidrat mill-istess entitajiet u li seta' wassal għad-deċiżjoni tagħhom għandu jitpoġġa a dispożizzjoni tal-Qorti f'l-iskrutinju tad-deċizjonijiet impunjati.

Illi għandu jiġi rilevat li l-persuna li kklassifikat it-tieni fil-proċess ta'l-għażla, Dorian Xuereb, ukoll qed jitlob r-reviżjoni tal-proċess ta'l-għażla u dan permezz ta' rikors ġuramentat minnu preżentat separatament; il-kawża relattiva hija pendenti quddiem din il-Qorti kif presjeduta u qed tinstema' kontestwalment. Taħrika simili għal dik in eżami saret ukoll fil-kawża ta' Xuereb u l-Kummissjoni għamlet talba identika għal dik odjerna, liema talba ġiet opposta minn Xuereb; iż-żewġ talbiet qed jiġu deċizi llum.

Ikkunsidrat

Illi jibda biex jingħad li l-ġbir tal-provi u l-preżentata ta' dokumenti f'proċeduri ġudizzjarji huwa primarjament regolata mill-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux mill-Kapitolu 496 li huwa intiż biex jirregola l-aċċess lill-pubbliku għall-informazzjoni miżmuma minn awtoritajiet pubbliċi. U għalkemm fid-dispożizzjonijiet li jirreġolaw il-produzzjoni ta' dokumenti il-Kapitolu 12  jagħmel referenza ghal xi dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 496, dan, cioe il-Kapitolu 496, ma jissostitwiex ir-regoli tal-proċedura naxxenti mill-Kapitolu 12. Hekk stabbilit il-Qorti ta'l-Appell fis-sentenza mgħotija fil-kawża *Dr Stephanie Muscat pro et noe vs Il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku* et deciża fil-31 ta' Mejju 2019, meta qalet li:

[4] Ref risposta preżentata f'l-4 ta' April 2023 a fol 168.

*id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 496 tal-Liġijiet ta' Malta mhumiex maħsuba li jissostitwixxu r-regoli tal-proċedura li jinsabu fil-Kodiċi Proċedurali dwar smigħ ta' kawżi, iżda għandhom jitfissru b'riferenza għal din. Dan jingħad għaliex l-għan tal-Kapitolu 496 mhuwiex l-istess bħall-għan li għalih jintalab quddiem xi qorti t-tressiq ta' dokument bħala prova.*

Illi, f'l-artikolu 637(3) il-Kapitolu 12 jistabilixxi li *ma tistax tintalab il-produzzjoni ta' xi dokument li hu miżmum minn awtorità pubblika*. Din il-projbizzjoni mhiex waħda ġenerali iżda hija soġġettata għal żewġ kundizzjonijiet. Fil-fatt skond l-istess artikolu 637(3) dokument miżmum mill-awtorita pubblika u li tiegħu ma tistax tintalab il-produzzjoni irid ikun wieħed:

a) *li hu dokument eżentat taħt l-artikoli 29, 30 jew 36(1) jew is-subartikoli (4) jew (5) tal-artikolu 32 tal-Kapitolu 496: jew*
b) *li l-iżvelar tiegħu hu pprojbit minn xi liġi oħra.*

Illi f'dan l-istadju l-Qorti ser tirreferi għall-asserzjoni li għamlet l-attriċi fir-risposta tagħha fis-sens li la darba skond l-artikolu 637 tal-Kapitolu 12, u ai fini ta' dik id-dispożizzjoni, "awtorita pubblika" għandu jkollha t-tifsira mgħotija lilha fil-Kapitou 496, u la darba d-definizzjoni ta' awtorita' pubblika fil-Kapitolu 496 ma tinkludiex lil-Kumissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, tant li l-artikolu 5(4) tal-Kapitolu 496 jiddisponi illi l-istess Att ma japplikax fil-konfront ta' dokumenti miżmuma mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, allura l-Kummissjoni mhiex milqutgħa mill-projbizzjoni imsemmija f'l-artikolu 637 tal-Kapitolu 12.

Illi din l-asserzjoni hija żbaljata u ma tirriflettiex interpretazzjoni korretta tad-dispożizzjonijiet relevanti. F'l-ewwel lok fid-definizzjonijiet elenkati f'l-artikolu 2 tal-Kapitolu 496 hemm distinzjoni bejn "*awtorita pubblika*" u "*awtorita pubblika rilevanti*". Huwa car minn qari ta' dawn id-definizzjonijiet li l-Kummissjoni hija inkluża fid-definizzjoni ta' "*awtorita pubblika*" pero, u in kwantu waħda mill-entitajiet elenkati f'l-artikolu 5(4) tal-Kapitolu 496, m'għandhiex titqies bħala "*awtorita pubblika rilevanti*". Aktar minn hekk meta l-artikolu 5(4) jistabilixxi li l-Kap 496 ma japplikax għad-dokumenti miżmuma mill-entitajiet fih elenkati ma jfissirx li dawk l-entitajiet mhumiex marbuta b'l-obbligu ta' data protection (kif donnha qed timplika l-attriċi), anzi jfisser li l-entitajiet hemm elenkati mhumiex obbligati jagħtu informazzjoni lil dawk il-persuni kunsidrati eliġibbli fit-termini ta' dak l-istess Att.

Illi għalhekk, fil-waqt li l-Kummissjoni ma tistax tiżvela informazzjoni miżmuma għandha fuq xi talba magħmula minn persuna eliġibbli fit-termini tal-Kapitolu 496, dokumenti u/jew informazzjoni miżmuma mill-Kummissjoni u rikjesti f'xi proċeduri ġudizzjarji għandhom jitqiesu privileġġjati **biss** jekk tiġi pruvata xi waħda miċ-ċirkostanzi imsemmija f'dawk id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 496 imsemmija f'l-artikolu 637(3) tal-Kapitolu 12. Fil-fatt l-Avviż Legali 333 tas-sena 2016[5], l-Avviż Legali li jirregola l-Kummissjoni, fir-Regolament 36(1)(c), jipprovdi li l-membri, l-uffiċjali u l-impjegati tal-Kummissjoni jistgħu jiżvelaw informazzjoni li tkun ħarġet mill-proċessi ta' għażla, sakemm dak l-żvelar jkun neċessarju b'konnessjoni ma' proċeduri fil-Qorti.

Ikkunsidrat

Illi kif diga ntqal l-artikolu 637(3) tal-Kapitolu 12 jikkunsidra bħala dokumenti "privileġġjati" dawk imsemmija f'l-artikolu 29, 30, 32(4), 32(5) u 36(1) tal-Kapitolu 496.

Illi l-artikolu 29 tal-Kapitolu 496 jirreferi ghal *dokumenti li jolqtu s-sigurtà nazzjonali, difiża u relazzjonijiet internazzjonali, u dokumenti tal-Kabinett;* l-artikolu 30 jirreferi għal *dokumenti li jolqtu l-infurzar tal-liġi u l-ħarsien tas-sigurtà pubblika;*l-artikolu 32 jirreferi għal *dokumenti li għandhom x'jaqsmu ma' affarijiet ta' negozju, l-ekonomija u r-riċerka*. M'għandu jkun hemm l-ebda dubbju li dawn id-dispożizzjonijiet ma japplikawx għad-dokumenti rikjesti mill-Kummissjoni fil-proċeduri odjerni.

Illi dwar l-artikolu 36(1) tal-Kapitolu 496 hemm diversi konsiderazzjonijiet x'jsiru. Skond din id-dispożizzjoni huma eżenti dokumenti *miżmuma minn kwalunkwe awtorita pubblika meta dawk id-dokumenti jiżvelaw opinjonijiet, pariri jew rakkomandazzjonijiet kif ukoll deliberazzjonijiet li jkunu saru, fil-kors tal-proċessi deliberattivi*. L-istess artikolu 36 pero jipprovdi għal eċċezzjonijiet għar-regola stabbilita fis-subatrikolu (1). Fil-fatt fis-subartikolu (2) hemm stabbilit ukoll li s-subartikolu (1) *m'għandux japplika għal dokument għar-raġuni waħdanija ta' informazzjoni purament fattwali li tkun fid-dokument.*

Illi l-attrici targumenta li dak li qed jiġi sindikat permezz tal-proċeduri odjerni huwa propju dawk l-opinjonijiet rakkomandazzjonijiet u deliberazzjonijiet, u jmur kontra l-prinċipji tal-ġustizzja li l-prova tagħhom ma tkunx a dispożizzjoni tal-Qorti.

---

[5] L.S.Kost.05

Illi dan l-istess xenarju kienet affaċjata bih il-Qorti ta'l-Appell fil-kawża fuq ċitata *Dr Stephanie Muscat pro et noe vs Il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku.* Dik il-Qorti qalet hekk fir-rigward:

> *13. Illi biex dokument jitqies bħala wieħed "privileġġjat", irid ta' bilfors jaqa' taħt xi waħda minn żewġ kategoriji speċifiċi msemmija fl-artikolu 637(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għar-raġunijiet hemm imfissra. L-appellanti joqogħdu fuq id-dispożizzjonijiet tas-sub-artikoli (3)(a) u (4) tal-imsemmi artikolu marbuta mal-artikoli 5(4)(ċ) u 36(1) tal-Kapitolu 496 tal-Liġijiet ta' Malta biex issaħħu l-aggravju tagħhom mid-degriet appellat;*
>
> *14 Illi ... ... id-dokumenti li jitkellem dwarhom id-degriet appellat huma "files" miżmuma mill-Kummissjoni appellanti li jirreferu għall-proċess tal-għażla li għaliha ikkonkorra l-attur appellat proprio u dwar it-tmexxija tal-każ tiegħu wara li ressaq il-petizzjoni quddiem l-istess Kummissjoni;*
>
> *15 Illi l-Qorti tqis ukoll rilevanti li l-Kummissjoni appellanti hija waħda mill-partijiet fil-kawża u mhux imsejħa bħala sempliċi xhud. Id-dokumenti mitluba mertu tad-degriet appellat jolqtu wkoll direttament l-interessi tal-attur proprio appellat u l-interess ġuridiku tiegħu fil-każ imressaq minnu;*
>
> *16 Illi, kif inhu llum il-ġurnata miżmum minn qrati fejn is-saltna tad-dritt mhix imxekkla mill-morsa tal-ħabi bla mistħoqq ta' tagħrif amministrattiv, "Privilege is an objection to production of evidence. Public interest immunity may be both an objection to production and to disclosure. Secondly, public interest immunity is not the privilege of either litigant, but is a necessary protection of the public interest: it is public law, not a private law right. ... The times when the court would rubber stamp a claim by the executive for immunity are now long gone. ... If the documents are prima facie disclosable, the objecting party will need to justify its refusal to disclose them." H. M. Malek <u>Phipson on Evidence</u> (16th Edit, 2005) §§ 25-08 u 25-21, f'paġġ. 687 u 698 – 9;*

Illi din is-sentenza giet ċitata b'approvazzjoni minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fis-sentenza mgħotija fil-kawża *Malcom Bondin et*

*vs l-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku* fit-23 ta' Frar 2021[6] fejn intqal ukoll li:

> *... din il-Qorti ma tistax tara kif tista' tgħarbel il-fatti kollha li wasslu għad-deċiżjoni li qed tkun attakkata jekk titħalla sajma minn uħud mill-fatti. Dawn il-Qrati jgħallmu li "imqar matul il-proċess tal-konsiderazzjoni ta' petizzjoni magħmula minn konkorrent bis-saħħa tar-Regolamenti, il-Kummissjoni intimata trid tħares il-prinċipji ta' smigħ xieraq u tagħti lill-istess konkorrent kull faċilita' ta' aċċess għat-tagħrif kollu li jkun jinsab fil-proċess tal-għażla, magħdud tagħrif dwar konkorrenti oħrajn" (Ara Digriet tal-4 ta' Jannar, 2018, fl-Atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' Inibizzjoni numru 1737/17 fl-ismijiet: Geoffrey Bartolo vs Il-Kummissjoni Għas-Servizz Pubbliku; is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta' l-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima).*

Illi din il-Qorti ukoll hija tal-fehma li f'proċeduri fejn dak li qed jiġi sindikat huwa l-proċess ta' għażla da parti tal-Kummissjoni, dak kollu li wassal lill-Kummissjoni għal dik l-għażla għandu jkun a dispożizzjoni tal-Qorti. Huwa hekk biss li jista' jiġi garantit proċess ġudizzjarju ekwu u ġust.

Illi in linea ma' dan premess:

- fir-rigward ta'l-ewwel talba tal-Kummissjoni il-Qorti tqis li l-file sħiħ u komplut għandu jiġi esebit, inklużi l-minuti pero esklużi l-pariri legali.
- fir-rigward tat-tieni talba, u tenut kont tal-fatt li t-terzi li ghalihom tirreferi din it-talba huma l-persuni li kienu qed jikkonkorru fil-proċess ta'l-għażla, tqis ukoll li kull informazzjoni relattiva għandha tkun a dispożizzjoni tal-Qorti.
- fir-rigward tat-tielet talba cioe l-applikazzjoni ta' Julian Zammit Maempel u d-dokumenti kollha annessi magħha inkluz il-logbook, il-Qorti ukoll tqis li dawn jiffurmaw prova essenzjali li għandha tkun a dispożizzjoni tagħha. Fir-rigward tal-log book pero l-Qorti tifhem li fih jista' jkun hemm informazzjoni personali dwar terzi assolutament estranei għall-istharriġ li jeħtieg isir minn din il-Qorti[7]. Għalhekk il-Qorti jidhrilha li l-logbook sħiħ għandu jinġieb mill-persuna li qiegħed miżmum għandha u minnu tinżamm l-informazzjoni meħtieġa mingħajr dik l-informazzjoni personali dwar il-pazjenti.

[6] Konfermata mill-Qorti ta' l-Appell b'sentenza mgħotija fis-26 ta' Ottubru 2022.

[7] Minn dak li ntqal waqt is-sottomissjonijiet dwar it-talba in eżami jidher li fil-logbook sħiħ ikun hemm informazzjoni li tinkludi mhux biss data personali imma anke l-medical history tal-pazjenti.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta u tiddeciedi billi tiċħad it-talbiet tal-Kummissjoni kif dedotti fir-rikors tat-13 ta' Marzu 2023 b'dan li l-logbook komplut ta' Julian Zammit Maempel għandu jinġieb kif ordnat u minnu tinzamm l-informazzjoni opportuna.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**